Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 16 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10539/1/23
REV 1

SOC 438
EMPL 305
SAN 369

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol<br>Ħatra tas-Sur Martin RÖHRICH, membru għaċ-Ċekja, minflok is-Sur Jiří PUTNA, li rriżenja |

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sur Jiří PUTNA bħala membru tal-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem (għaċ-Ċekja).

2. Skont l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003 li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol[1], il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

[1] ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-gvern taċ-Ċekja nnomina lill-kandidat li ġej biex jissostitwixxi lill-membru li rriżenja għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025:

Is-Sur Martin RÖHRICH
Confederation of Employers' and Entrepreneurs' Unions of the Czech Republic
Václavské nám 21
113 60 Prague 1
Czech Republic
Tel.: +420 602 582 996
Indirizz elettroniku: martin.rohrich@rohrich.cz

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jirrakkomanda lill-Kunsill biex:

(a) jadotta, bħala punt "A", id-Deċiżjoni tal-Kunsill li tissostitwixxi membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u

(b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

**ANNESS**

Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru

tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Lulju 2003[2] li tistabbilixxi Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Bid-Deċiżjonijiet tiegħu tal-24 ta' Frar 2022[3] u tad-29 ta' Marzu 2022[4], il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-perjodu li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

(2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Jiří PUTNA, sar vakanti siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti ta' min iħaddem.

(3) Il-gvern taċ-Ċekja nnomina kandidat għas-siġġu vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

---

2 ĠU C 218, 13.9.2003, p. 1.
3 ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.
4 ĠU C 143, 31.3.2022, p. 3

Artikolu 1

Is-Sur Martin RÖHRICH huwa b'dan maħtur membru tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol minflok is-Sur Jiří PUTNA, għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fit-28 ta' Frar 2025.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill
Il-President